MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 85/2001/1

**Paul u Agostina Saliba**

**vs**

**Joseph u Maria konjugi Sultana**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Dicembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u erbgha u sebghin lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm374.92), rapprezentanti bilanc dovut lill-attur minn ammont akbar ghall-xoghol tal-injam illi l-attur esegwa fuq inkarigu tal-konvenuti personalment fid-dar tal-abitazzjoni taghhom;
Bl-interessi skond il-ligi u bl-ispejjez tal-prezenti proceduri u tal-ittra bonarja tad-19 ta' Jannar, 2001.

Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fl-24 ta' Dicembru, 2001, fejn intqal:

i. illi l-attur kien accetta l-ahhar pagament li ghamlu l-eccipjenti bhala hlas ghas-saldu u ghalhekk ma jistax issa jitlob iktar ;
ii. illi bla pregudizzju ghal premess il-kont mibghut huwa oghla milli miftiehem u dan ghar-ragunijiet elenkati fl-ittra tat-23 ta' Jannar, 2001, mibghuta lill-attur mill-Avukat tal-eccipjenti (Dok.JS1) ;
iii. illi b'mod partikolari l-imsemmi kont izid il-VAT mal-prezz originarjament pattwit – haga li hija illegali u tmur kontra l-Att XXIII ta' l-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ;
iv. Illi l-attur irid jipproduci ricevuti fiskali tal-hgieg immullat u tar-« rail » tat-TV biex dawn jigu verifikati ;
Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.
Bl-ispejjez inkluzi l-ittra bonarja tat-23 ta' Jannar, 2001.

Ra l-kontro-talba tal-konvenuti fejn intalab il-hlas ta' mitejn lira (Lm200.00) u fejn intqal illi x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u ghalhekk l-eccipjenti talbu li l-prezz ghandu jigi ridott u okkorrendo dan it-Tribunal ghandu jordna r-rifuzjoni ta' kwalunkwe ammont ta' flus imhallas eccessivament ;
Bl-ispejjez kontra r-rikonvenuti atturi.

Ra n-nota prezentata mill-atturi fit-18 ta' Frar, 2002 li biha t-talba giet ridotta ghall-tlett mija u tmintax-il lira Maltija u sebgha u sittin centezmu (Lm318.67).

Sema' x-xhieda ta' Paul Saliba, Tony Grima, Joseph Sultana, Maria Sultana, Lawrence Attard. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.

Ikkunsidra :
1. Illi din il-kawza qed issir ghall-bilanc fuq xoghol ta' injam illi l-attur esegwa fuq inkarigu tal-konvenuti. Illi saret kontro-talba da parti tal-konvenuti sabiex jigu rifuzi parti mill-ammont imhallas diga, peress li allegatament ix-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti.
2. Bhala fatti l-attur, li jahdem ta' mastrudaxxa, ikkonferma li f'Settembru, 2000, kien hadem « wall unit » ghall-konvenuti. Kien hadmilhom ukoll sitt siggijiet, ta

spray lill-banketti, u ghamel il-hgieg immullat, u rail tat-televizjoni. L-attur jghid li meta beda jahdem il-konvenuti kienu hallsu depozitu ta' tlett mitt lira (Lm300.00), u meta tlesta ix-xoghol inghata cekk iehor ta' sitt mija u sittin lira (Lm660.00). L-attur jghid li kien ghad fadal il-hlas tat-taxxa fuq il-Valur Mizjud u xi hlas iehor.

3. L-attur spjega li l-konvenuti kienu lmentaw dwar il-kulur tal-wall unit peress li kienet aktar skura mill-ghamara tal-kcina. L-attur innota li kien ha l-"wall unit" ghand l-FXB biex tigi l-istess kulur, u li l-konvenuti ma lmentawx dwar il-kwalita` tax-xoghol.

4. Dwar il-hlas ta' sitt mija u sittin lira, l-attur jirrileva li ghalkemm fil-bidu m'accettahx, wara kien mar u hadhom.

5. L-ammont reklamat mill-attur huwa skond ma jirrizulta mid-Dok.PS1 datat l-1 ta' Dicembru, 2000. Fil-kjors tal-kawza l-attur ghamel aggustament fil-kont minhabba li kkalkula t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud anke fuq dak li ma kellux VAT.

6. L-attur jikkonferma li ma tax ricevuta lill-konvenuti dwar ix-xoghol tal-hgieg immullat u r-"rail" tat-televizjoni, pero` jghid li din ma tahiex peress li ghadu ma thallasx. L-attur irrifera ukoll ghall-kaxxa tal-gobon li skond ma jghid hu l-konvenut kien qallu biex isiblu l-bejgh taghha ghal tletin lira. L-attur jghid li hu ghamel tpacija bejn il-prezz tas-"seats" tas-siggijiet, mal-prezz tal-kaxxa tal-gobon, u ghalhekk ma nizzilx il-prezz taghhom fil-kont.

7. Il-konvenut Joseph Sultana jghid li meta mar ghand l-attur biex isir ix-xoghol kienu ftehmu fuq il-prezz, u dan kien ta' disa' mitt lira ghall-vetrina, ta' mija u ghoxrin lira ghas-siggiejiet, ta' erbghin lira ghall-xoghol fuq mejda. Skond il-konvenut dan kien f'Marzu jew April tas-sena 2000, u mhux f'Settembru kif xehed l-attur. Jghid li huma hallsuh tlett mitt lira f'Settembru biex jibda ix-xoghol. Il-konvenut jghid li:…"x'hin ghamel il-vetrina u s-siggijiet morna naraw u kien kollox sew." Il-konvenut innota li meta x-xoghol tlesta u gie konsenjat induna li l-kulur tal-vetrina u tas-siggijiet ma kienux jaqblu. Il-konvenut innota wkoll li s-siggijiet ma kienux jidhlu fil-mejda, apparti li jghid li kollha kienu jiccaqalqu.

8. Dwar il-kaxxa tal-gobon, il-konvenut jilmenta li l-attur ma tahx il-flus taghha.

9. Il-konvenut ghalhekk jghid li lill-attur ma hallsuhx is-segwenti :

i. Hamsa u sittin lira (Lm65.00) biex jergghu jixtru hames banketti, peress illi skond il-konvenut, l-attur qalilhom li jigu jiswew aktar biex tobroxhom u terga taghtihom « spray » milli jiswew jekk tixtrihom godda.
ii. Tmienja u erbghin lira Maltija (Lm48.00) biex ksew is-siggijiet mill-gdid.
iii. Xoghol hazin fuq il-vetrina.
iv. Siggijiet issikkati u jiccaqalqu.

Ghall-dawn l-affarijiet il-konvenut jghid li ma hallsux mija u hamsin lira.

10. Fl-istess sens bhal konvenut xehdet martu Maria Sultana. Hi spjegat li l-« wall unit » giet aktar skura mill-kumplament tal-kcina. Hi innutat ukoll affarijiet ohra, bhal li l-imsiemer ma kienux imdahhlin sew. Inoltre qalet li l-parti ta’ wara tal-vetrina kienet imbewqa. Innutat li kien hemm injam imtajjar fil-gonot tas-siggijiet.

11. Lawrence Attard jikkonferma li kien ta lill-attur il-kulur tal-“medium oak” li bih tahdem id-ditta ta’ l-ghamara FXB. Huwa spjega li jista jvarja l-kulur xi ftit skond l-injam li jintuza.

12. Anthony Grima, ufficjal mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud spjega li l-attur jaqa’ taht l-iskema ta’ « exempt register », cioe jaqa’ taht il-persuni li ma jaqalghux bizzejjed biex jiehdu VAT fuq is-servizzi taghhom, pero` ikun hemm it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq il-materjal akkwistat.

13. L-ewwel punt li t-Tribunal qed iqis huwa l-fatt dwar il-hlas li sar, li skond il-konvenuti sar ghas-saldu. F’dan il-kuntest it-Tribunal jinnota li meta ofrewlu l-ahhar pagament l-ewwel darba l-istess konvenut irrifjuta. Huwa evidenti li dan ir-rifjut kien qed isir peress illi l-konvenuti kienu qed joffru dan il-hlas ghas-saldu. Jirrizulta wkoll li sussegwentement il-konvenut rega hasiba u mar jigbor dawk il-flus.

It-Tribunal jaghmel referenza ghall dak li gie ritenut mill-Qrati dwar pagament ghas-saldu meta intqal illi:

« …jekk id-debitur offerent jiddikjara b’mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur, m’ghandux dritt il-

kreditur unilateralment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaccettah b'kundizzjonijiet u riservi li necessarjament huma inkonsistenti ma' offerta ta' pagament ghas-saldu. » (William Apap vs Joseph Galea et noe, deciza fis-26 ta' Novembru, 1986, Appell Kummercjali, Vol.LXX-II-390).
Ma hemmx dubbju li f'dan il-kaz il-hlas kien ghas-saldu, u ma tghodd xejn ir-riserva li ghamel l-attur meta qal lill-konvenuti meta accetta l-pagament li l-affarijiet ma spiccawx hemm.

14. Ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda.

15. Jibqa li ghandha tigi kunsidrata l-kontro-talba ghall-mitejn lira ghall xoghol li ma sarx skond is-sengha u l-arti. Ma hemmx dubbju li jirrizulta ampjament li x-xoghol kellu certi mankamenti, principalment l-ilmenti elenkati mill-konvenuti. F'dan ir-rigward it-Tribunal iqis li meta l-konvenuti naqqsu l-ammont dana kienu qed jaghmluh, kif del resto xehed l-istess konvenut, sabiex jaghmlu tajjeb ghax-xoghol hazin li sar. Ghalhekk ma jistghux jippretendu ebda hlas ulterjuri, u li l-kulur tal-« wall unit » ma kienx jaqbel mal-kulur tal-kumplament tal-kcina. Ghalhekk it-Tribunal qed jichad il-kontro-talba tal-konvenuti.

Ghaldaqstant peress illi jirrizulta li kien sar hlas ghas-saldu it-Tribunal qed jichad it-talba attrici, u peress illi l-ammont li tnaqqas meta sar il-hlas ghas-saldu kien jirrigwarda dak pretiz mill-konvenuti fil-kontro-talba taghhom, qed tigi michuda wkoll il-kontro-talba tal-konvenuti.
L-ispejjez tat-talba ghandhom jigu sopportati mill-atturi, filwaqt li l-ispejjez tal-kontro-talba ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------